# David u Ġonatan

Annotamenti dwar ir-rakkont bibliku fil-kuntest tal-Lvant Nofsani Antik[1]

Josef Mario Briffa SJ

**Avviż importanti.** F'dan il-*paper* jiġu ttratati temi adulti marbuta mas-sesswalità, u ġew ppreżentati lil pubbliku adult wara dramm li kien ristrett lil pubbliku adult (16+). Dawn it-tematiċi huma ppreżentati mingħajr wisq ċensura.

Grazzi ħafna lil Tyrone, lil Adrian ta' din l-istedina.[2] Dan mhux eżattament proġett tas-soltu għalija, imma sfida interessanti ta' djalogu bejn rappreżentazzjoni teatrali, b'laqta kontemporanja, u studju kritiku tat-test bibliku u l-kuntest antik, u naħseb li propju għalhekk dħalt għalih bil-qalb.

## Premessi

Nixtieq nibda bi tlett premessi importanti, li jħejju l-għalqa li fiha nistgħu naħdmu:

L-ewwel nett. Il-Bibbja hija dejjem fil-plural, u mhux biss fis-sens etimoloġiku! Aħna mdorrijin naraw il-Bibbja f'volum wieħed, u spiss nimmaġinaw il-Bibbja bħala *ktieb.* Fil-Grieg *ta bibblia* tfisser il-kotba. Il-Bibbja hija bibljoteka, u diversi mill-kotba, terġa', huma antoloġiji varjati għall-aħħar. Dan ifisser li jekk se tfittex tweġiba univoka fil-"Bibbja," mhux se ssibha. Jekk lest taffronta l-varjetà u l-kumplessità, se ssib teżor. Għalhekk, il-Bibbja mhix ktieb li wieħed jużah *prima facie.*

It-tieni. "The past is a foreign country", anki f'dak li huma relazzjonijiet u sesswalità. Fid-dinja antika Mediterranja u tal-Lvant Nofsani, il-kategoriji moderni *eterosesswali, omosesswali,* eċċ, ma jfissru xejn. Jekk għalina l'identità sesswali u orjentazzjoni huma kwistjoni identitarja (min jien), fid-dinja antika id-definizzjoni hija marbuta ma' l-att sesswali (x'nagħmel). Mingħajr ma nirriduċu il-kumplessità tar-relazzjonijiet sesswali kollha għal viżjoni ta' Foucault,[3] jidher li hu laqat aspett fundamentali meta esprima ir-relazzjonijiet sesswali fl-antik f'sens ta' attiv u passiv, min jiddomina u min jiġi ddominat, min jippenetra u min jiġi ippenetrat … fejn ir-rwol "normali", jew aħjar normattiv, ta' raġel ħieles[4] adult huwa dejjem li jiddomina, u ħaddieħor huwa dejjem f'rwol subordinat, ibda minn martu. L-idea li wieħed jitkellem dwar relazzjoni sesswali

[1] Dan il-*paper* ġie ppreżentat flimkien ma' *Q&A session* wara d-dramm *Id-Dnub tal-Magħżulin,* mtella' fil-*Valletta Campus Theatre* nhar il-31 ta' Jannar, it-2 u s-7 ta' Frar 2025. Hallejt it-test kif kien, ħlief għal xi korrezzjonijiet.

[2] Hajr lil Tyrone Grima, direttur, u lil Adrian Buckle awtur ta' dan id-dramm (flimkien ma' Trevor Zahra).

[3] "… sexual relations — always conceived in terms of the model act of penetration, assuming a polarity that opposed activity and passivity — were seen as being a type of relationship between a superior and a subordinate, an individual who dominates and one who is dominated, one who commands and one who complies, one who vanquishes and one who is vanquished." Foucault 1990, 215.

[4] i.e. mhux lsir, mhux skjav.

bejn ugwali mibnija fuq kunsens reċiproku — anki bejn raġel u mara —mhix familjari għal xi ħadd fl-antikità Griega-rumana jew tal-Lvant Nofsani.

It-tielet premessa. L-arti — il-pittura, l-iskultura, il-mużika, it-teatru — minn dejjem huma mezz kif wieħed jesprimi, jikkummenta, jikkontesta, jirrakkonta ... u dan ukoll meta l-arti tirrakkonta it-testi Bibliċi. Mhux xogħli hawn li nagħmel kumment dwar id-dramm innifsu, wisq inqas xi kumment dwar storiċità jew mhux, jew l-għażliet interpretattivi. Dan li rajna huwa dramm, u min-natura tiegħu, interpretazzjoni. (*Se mai,* sa fejn naf jien, il-Palazz ta' l-Inkwiżitur qiegħed il-Birgu, u jidhirli li Napuljun keċċa lill-Inkwiżitur fl-1798.)

## Test kumpless

Issa li qegħdna l-premessi nistgħu nidħlu fir-rakkont, jew aħjar ir-rakkonti minsuġa f'xulxin li nsibhom fil-Kotba ta' Samwel. Dawn il-kotba huma parti minn serje: *Ġożwe, Mħallfin, Samwel, Slaten* magħrufa bil-Lhudi bħala *Nevi'im Rishonim,* cioè il-profeti tal-ewwel. Hija ġabra storjografika li diversi studjużi jaħsbu li hija frott ta' żewġ redazzjonijiet, aktarx l-ewwel fis-seklu sebgħa qabel Kristu, u t-tieni fiż-żmien l-Eżilju fil-Babel, fis-seklu sitta, mudell magħruf bħala l-Istorja Dewteronomistika.[5]

| | Version 1 (LXX and MT) | Version 2 (MT only) |
|---|---|---|
| 16:17–23 | David is introduced to Saul as a skilful harper and he is made his armor bearer. | |
| 17:1–11 | Attack by the Philistines. Goliath suggests a duel with one of the Israelites. | |
| 17:12–31 | | David is sent by his father to bring food to his brothers at the front. He hears Goliath and desires to meet him in a duel. |
| 17:32–39 | David volunteers to fight with Goliath. | |
| 17:40–54 | The duel. After Goliath's miraculous fall, the Philistines flee. | Short account of the duel (vv. 41, 48b, 50) |
| 17:55–58 | | Saul asks who David is. David is introduced to Saul by Abner. |
| 18:1–4 | | David and Jonathan make a covenant. |
| 18:5–6a | | David is appointed as an officer in Saul's army. |
| 18:6b–9 | Saul's jealousy of David. | |
| 18:10–11 | | Saul attempts in vain to kill David. |
| 18:12–16 | David's successes. | |
| 18:17–19 | | Saul offers David his eldest daughter, Merab. |
| 18:20–27 | Saul offers David his daughter Michal. | |
| 19:29b–30 | | Saul's love for David. David's successes. |

Fig. 1 Iż-żewġ verżjonijiet (Tov 1985: 351-352)

Biex inżidu mal-komplikazzjoni, dawn il-kapitli tal-Ktieb ta' Samwel insibuhom f'żewġ verżjonijiet differenti ħafna. Verżjoni twila fit-*test masoretiku* bil-Lhudi, u verżjoni iqsar fit-test Grieg tas-Sebgħin, illum ikkonfermat minn xi testi minn Qumran.[6] Naturalment hemm ħafna diskussjonijiet, imma jidher li t-test itwali bil-Lhudi jinseġ flimkien żewġ rakkonti, żewġ tradizzjonijiet.[7] Minkejja li ż-żidiet fit-test Lhudi huma sekondarji fuq livell editorjali, dan ma juriniex liema hija l-eqdem tradizzjoni mit-tnejn.

[5] Cf. De Pury & Romer 2000, etc.

[6] Ara Tov 1985.

[7] Tov 1985.

Ir-rakkont li qiegħed nikkonsidra llum jibda meta il-Mulej jgħid lil Samwel "Jisgħob bija li għamilt lil Sawl sultan" (1Sam 15,10) u jispiċċa fejn għandna l-formula tas-saltna ta' David "Tletin sena kellu David meta sar sultan, u erbgħin sena dam isaltan" (2Sam 5,4). Huwa rakkont dwar it-twaqqif tas-Saltna ta' Ġuda, kif id-Dar ta' David ħadet f'idejha is-Saltna.




Fig. 2. L-Ark Narrativ

## L-Ark Narrativ

Minkejja li l-intriċċi ta' l-istorja huma kumplessi, l-ark narrativ, jekk tqis kollox, huwa relattivament sempliċi:

- Din it-taqsima tal-Kotba ta' Samwel tibda' bil-Mulej li jwarrab lil Sawl, wara li Sawl m'obdiex li l-ordni ta' *ħerem* – cioè ġenoċidju – lejn l-Amalekiti (1Sam 15,10-34),[8] u ftit qabel l-istorja tar-rebħa ta' Ġonatan, s-sawma u l-ħalfa ta' Sawl (1Sam 14,16-46). Il-Mulej imbagħad ordna lil Samwel jidlek lil David sultan (1Sam 16,1-13). It-tmiem ta' l-istorja – *spoiler alert!* -- diġà inkluż fil-bidu.
- L-istorja tibda' biż-żewġ introduzzjonijiet kontradittorji. L-ewwel insibu lil David bħala tarkier ta' Sawl (1Sam 16,14-23). It-tieni, mill-ġdid, wara l-glieda mal-Goljat, fejn – mill-ġdid hija l-ewwel laqgħa ma' Sawl u Ġonatan, tant li fir-rakkont jistaqsu min hu -- qieshom ma' jafuhx! (1Sam 17,55-58), u David mqiegħed kap ta' l-armata.
- Il-mument ta' kriżi, u l-għira ta' Sawl, tibda meta n-nisa joħorġu jkantaw: "Qatel Sawl l-eluf tiegħu / u David l-għaxart elef tiegħu." (1Sam 18,6-9) Sawl jgħadab u jibda' jikkomplotta biex jeqred lil David.
- F'din l-ewwel parti għandna nisġa' ta' l-imħabba ta' Ġonatan u ta' Mikal lejn David, mħallta ma' l-għira ta' Sawl, u kif it-tnejn iħarrbu lil David.
- Naħseb li l-quċċata, il-*climax,* tasal fix-xena fejn Sawl jirrabja ma' Ġonatan, u jiddikjara li David ħaqqu l-mewt, u Ġonatan jgħarraf lil David.

[8] Illum hija diskussa ħafna mill-istudjużi bibliċi il-kwistjoni tal-vjolenza fil-Bibbja u kif din ġiet u tiġi użata biex tiġġustifika il-vjolenza.

- Fit-tieni parti insibu lil David maħrub, iħuf 'l hawn u 'l hemm. L-iżjed fl-inħawi tax-Xfela, u d-deżert ta' Ġuda. Hawn isseħħ l-aħħar laqgħa qasira ma' Ġonatan. David, imbagħad, saħansitra jfittex kenn għand is-sultan ta' Gat tal-Filistin, l-għedewwa ta' Israel. Għal darbtejn, David jagħżel li ma joqtolx lil Sawl: fl-għar f'Għajn Gaddi (1Sam 24,1-22), kif rajna, u darb'oħra fid-deżert ta' Żif (1Sam 26,1-25).
- L-affarijiet jippreċipitaw wara l-mewt ta' Samwel, meta Sawl imur għand is-saħħara ta' Għajn Dor (1Sam 28,3-25).
- L-istorja tiġi fi tmiema bil-mewt ta' Sawl u Ġonatan, l-ilment ta' David, u dilka ta' David f'Ħebron, bħala Sultan fuq it-tribù ta' Ġuda (2Sam 2,1-7).
  Bħal *Lord of the Rings* li ma jispiċċa qatt, ir-rakkont ikompli bil-glied bejn Dar David u Dar Sawl għal sebgħa snin sħaħ (2Sam 2,7-4,12), u fl-aħħar David jiġi midluk sultan mill-ġdid f'Ħebron, issa fuq Iżrael kollu (2Sam 5,1-13).

Kif jidher ċar, is-sitt xeni[9] li jitkellmu l-iżjed dwar ir-relazzjoni bejn Ġonatan u David, huma minsuġa ħaġa waħda f'dan ir-rakkont.[10]

## Il-Bidu / Espożizzjoni

*I. L-ewwel laqgħa*

Nibda mill-ewwel silta, l-ewwel laqgħa ta' David ma' Ġonatan skont il-verżjoni t-twila li semmejt. Dar-rakkont huwa nieqes għal kollox fil-verżjoni Griega.[11] Hija silta qawwija: litteralment *nifs Ġonatan intrabat ma' nifs David* u *ħabbu bħalu nnifsu.* Innutaw li Ġonatan ħabb li David. Imkien m'hemm li David ħabbu lura. Ġonatan jagħmel *berit,* patt,[12] din kelma li tindika ftiehem sollenni, spiss bejn Alla u l-bniedem.

| | |
|---|---|
| וַיְהִי כְּכַלֹּתוֹ לְדַבֵּר אֶל-שָׁאוּל | 1 Malli temm [David] jitkellem ma' Sawl, |
| וְנֶפֶשׁ יְהוֹנָתָן נִקְשְׁרָה בְּנֶפֶשׁ דָּוִד ; | ruħ (nifs/*nefeš*) Jonatan irtabtet (*niqšᵊra*) ma' ruħ (nifs/*nefeš*) David, |
| וַיֶּאֱהָבֵ[ה]וּ יְהוֹנָתָן כְּנַפְשׁוֹ. | u ***ħabbu* Jonatan *bħalu nnifsu* (*kĕnafšô*).** |
| ב וַיִּקָּחֵהוּ שָׁאוּל בַּיּוֹם הַהוּא; | 2 Żammu Sawl dak in-nhar, |
| **וְלֹא נְתָנוֹ לָשׁוּב בֵּית אָבִיו.** | u **ma ħalliehx jerġa' jmur dar missieru**. |
| ג וַיִּכְרֹת יְהוֹנָתָן וְדָוִד בְּרִית | 3 U rabat Jonatan għaqda *(patt=berit)* ma' David, |
| בְּאַהֲבָתוֹ אֹתוֹ כְּנַפְשׁוֹ. | għax **kien iħobbu bħalu nnifsu** *(kĕnafšô).* |

Fig. 3. L-ewwel xena.[13]

Mhux biss, l-istruttura tar-rakkont tirrepeti, u tqiegħed fin-nofs il-vers kif Sawl ħadu f'daru. Jista' jkollha implikazzjoni ambigwa, fil-widna tfakkar kif il-mara tmur f'dar (fil-familja ta') żewġha wara ż-żwieġ. L-awtur forsi qed jinsinwa bla ma jgħid.

[9] Fil-Fig. 2 huwa numerati b'numru Ruman (I-VI) u mogħtija kulur aħmar.

[10] Ackermann 2005, 166.

[11] Din ix-xena (1Sam 18,1-4) hija nieqsa fit-traduzzjoni Griega LXX.

[12] Mhux biss *agreement,* imma *covenant.*

[13] Għat-test bil-Malti imxejt fuq it-traduzzjoni ta' Mons. P.P. Saydon.

*Imħabba politika?*

Tajjeb nifhmu però li l-imħabba m'għandix bilfors implikazzjoni romantika jew sesswali. L-istess frasi – *ħobbu bħalkom innifiskom [kî napšātekunu]* [14] – insibuha fit-trattat tas-suċċessjoni ta' Aššurhaddon.[15] F'dan il-każ, mhix imħabba sentimentali, imma att ta' fedeltà mitlub mis-sultan. Jekk napplikaw dan lil Ġonatan naraw l-anomalija: Ġonatana, bin is-sultan, il-werriet, qed iħobb bħalu nnifsu lil David. Huwa Ġonatan, hawn li qed jagħraf lil David bħala sovran, u jagħmel ruħu vassall u skjav tiegħu.

| | |
|---|---|
| *šumma attunu ana $^{m}$Aššur-bani-apli* | Jekk intom lil Aššurbanipal, |
| *mār šarri rabiu ša bēt rēdûte* | il-kbir iben is-sultan, mid-dar tal-wirt, |
| *mār Aššur-aḫu-iddina šar mat Aššur* | bin Aššurhaddon, sultan ta' Aššur, |
| *bēlikunu* ***kî napšātekunu*** *lā taraʾʾamāni* | sidkom, **bħalkom innifiskom** ma tħobbux … |

Fig. 4. Trattat tas-suċċessjoni ta' Essarhadon, *State Archives of Assyria* (c. 672 q.K.), SAA 02 006, 266-267

*Il-Ħżiem*

Ix-xena tkompli, però, b'Ġonatan jinża' l-mantar, u jagħti lil David "il-libsa tiegħu tal-ġlied, u saħansitra sejfu, u [saħansitra] qawsu u [saħansitra] ħżiemu." [16] Il-verżjoni bil-Lhudi tenfasiża din l-"ukoll" saħansitra.

X'inhu dan l-imbierek ħżiem? Mill-ġdid, nistagħu nidħlu l-ambigwità:

- Il-ħżiem jista' jkun parti mill-ilbies ta' suldat – anki dehen li jingħata bi premju![17]
- Imma fil-Ġenesi, huwa ukoll il-ħżiem li għamlu r-raġel u l-mara meta ntebħu li għarwenin.[18]
- Fl-istess kotba ta' Samwel, insibuh bħala verb meta is-sultan David qed jiżfen quddiem l-Arka t'Alla, imħażżem bl-efod.[19] F'dix-xena, Mikal tarah jiżfen, maqdritu u qaltlu: "X'ġieh kellu illum is-sultan ta' Israel, li nkixef il-lum quddiem għajnejn il-qaddejjiet tal-qaddejjin tiegħu bħalma jinkixef raġel ta' xejn." (2Sam 6,16.20)

---

[14] *napšātekunu.* L-Akkadiku huwa lsien semitiku, u jidher ċar kemm hu qrib, p.e. tal-Malti. L-istess għerq ta' nifs NFS fl-Akkadiku huwa NPŠ (l-ittri p/f u s/x spiss jieħdu post xulxin). Il-pronom mehmuz ukoll: *-kunu* jixbaħ lil Malti *-kom.*

[15] Moran 1963.

[16] Fid-dramm, sibt din ix-xena maħduma b'mod interessanti. F'xena fejn in-nudità seta' ingħatat sens erotiku, is-sens espress kien dak – fil-fehma tiegħi – ta' vulnerabilità sħiħa. Ġonatan għarwien quddiem David huwa Ġonatan fl-iktar mument vulnerabbli, li jinża' minn kollox, u jħalli kull protezzjoni quddiem David, u jingħata b'mod sħiħ.

[17] "U qal Jowab lir-raġel li tah l-aħbar: 'Rajtu? U għax ma waħħaltux hemm ma' l-art? U għalija imbagħad li nagħtik għaxar bċejjeċ tal-fidda u ħżiem [**ħagora**]' " (2Sam 18:11)

[18] "U nfetħu għajnejhom, tagħhom it-tnejn, u ntebħu li huwa għarwenin u dafru l-weraq tat-tin u għamlu iħżma [**ħ$^{a}$gorot**]." (Ġen 3:7)

[19] "U David kien jiżfen kemm jiflaħ quddiem il-Mulej, u kien David imħażżem [**ħagur**] bil-efod tal-kittien." (2Sam 6:14)

## Rising Action: David, Ġonatan u Mikal

*L-imħabba ta' Ġonatan u Mikal għal David*

Ngħaddi issa għall-ewwel parti tan-narrazzjoni. Hawn ix-xeni li jirrakkuntaw ir-relazzjoni ta' Ġonatan u ta' Mikal ma' David, inhuma minsuġa f'xulxin. Wara l-ewwel xena li diġa' rajna, issa naraw li Mikal ukoll tħobb li David, u David jiżżewwiġha [wara li kien irrifjuta li jiżżewweġ lil Merab, l-ewwel bint ta' Sawl].[20] Ta' min jgħid li fit-test bibliku, David qatt ma jgħid li jħobb li Mikal … iżda li "għoġbitu dil-ħaġa lil David li jitħatten mas-sultan." (1Sam 18:26). Mikal hija biss pedina fil-mixja lejn il-poter.

*Table 7.2*

| *The Variant Account* (1 Sam 18:1–4) | *The Primary Account* (1 Sam 18:20–29a) |
|---|---|
| 1 Sam 18:1: "Jonathan loved (*'āhēb*) him (David) as himself" | 1 Sam 18:20: "Michal, Saul's daughter, loved (*'āhēb*) David" |
| 1 Sam 18:3: Jonathan is again said to "love" David (*bĕ'ahăbātô 'ōtô kĕnapšô*) | 1 Sam 18:28: Michal is again said to "love" David (*'ăhēbathû*) |
| 1 Sam 18:3: Jonathan enters into a contractual relationship (a covenant) with David | 1 Sam 18:27: Michal enters into a contractual relationship (a marriage) with David |

Fig. 5 Ġonatan u Mikal iħobbu lil David (Ackerman 2005: 181)

*Ġonatan u Mikal jeħilsu lil David*

L-istess parallel insibuh fix-xeni meta l-ewwel Mikal u wara Ġonatan iħarrbu lil David, żewġ xeni li rajna fid-dramm. F'dan kollu, David jaqta' malajr il-kuntatt ma' Mikal … imma jibqa' jiltaqa' ma' Ġonatan.[21]

*Table 7.3*

| *1 Sam 19:11–17* | *1 Sam 20:1-21:1 (English 20:1–42)* |
|---|---|
| Michal acts to save David in defiance of Saul's expressed intent to have him killed | Jonathan acts to save David in defiance of Saul's decision to put him to death |
| Michal lies (twice) to Saul in order to protect David (1 Sam 19:14, 17) | Jonathan lies (twice) to Saul in order to protect David (1 Sam 20:28–29) |
| Saul accuses Michal of deceiving him by abetting David (1 Sam 19:17) | Saul speaks angrily to and attacks Jonathan for favoring David (1 Sam 20:30–34) |
| Aided by Michal, David escapes from Saul's assassins (1 Sam 19:12) | Aided by Jonathan, David learns that Saul does intend to kill him and so flees (1 Sam 20:35–21:1; English 20:35–42) |

Fig. 6 Mikal u Ġonatan iħarrbu lil David (Ackerman 2005: 186)

[20] Ackerman 2005, 181

[21] Ackerman 2005, 179.

*Ġonatan vs Mikal*

Fuq livell strutturali, ir-relazzjonijiet huma preżentati mhux biss b'mod parallel,[22] imma ukoll ir-relazzjoni bejn Ġonatan u David tgħalaq f'parentesi il-relazzjoni bejn David u Mikal, b'mod li, kif tikkummenta Susan Ackerman, Ġonatan huwa strutturalment ekwivalenti għal martu Mikal, anzi jieħu post oħtu.[23]

Ġonatan "iħobb" lil David "bħalu nnifsu", u jagħmel patt miegħu (18,1-4)
**Mikal "tħobb" lil David u tiżżewġu (19,20-29a)**
Ġonatan miġbud (***ħapez***) lejn David u jidħol għal David (19,1-7)
**Mikal tħarrab lil David (19,11-17)**
Ġonatan "iħobb" lil David "bħalu nnifsu"jagħmel patt miegħu u iħarrabu (20,1-23)

Fig. 7. L-Istruttura konċentrika

Fin-nofs ix-xena fejn nafu li Ġonatan "kien miġbud wisq lejn David" u jidħol għalih quddiem Sawl. Il-verb חפץ ħafez għandu ħabta ikollu konnotazzjoni erotika, għalkemm mhux bilfors. Attenzjoni, però, f'tassonomija sesswali ta' dominanti hu dominat, din mhix tant xena t'imħabba, imma ta' rwoli. Skond Yaron Peleg, dwar Jonathan,

> "By describing him as passive and effeminate, the text does not suggest that Jonathan is 'homosexual' but rather that he is a 'woman', and, as such, unqualified for kingship."[24]

## Il-climax

Dan li semmejna jwassalna dak li jidher bħala l-*climax* tar-rakkont, artikolat f'trittiku ta' xeni: Ġonatan u David, Ġonatan u Sawl, u mill-ġdid Ġonatan u David.

*III. Ġonatan jħarrab lil David (1Sam 20,1-23)*

Jekk fl-ewwel xena jissemma il-patt, hawn il-lingwaċċ huwa wieħed ta' patt solenni, jaħlef bil-Mulej Alla ta' Israel, u jintrabat bil-konsegwenzi. Dan xi ftit ifakkarna fil-patt tas-suċċessjoni ta' Aššurhadon li semmejna.

Ix-xena tkompli bil-ftehim dwar il-Festa tal-Qamar Ġdid – il-poplu Lhudi għadu sa llum isegwi kalendarju lunari fuq livell reliġjuż – u kif Ġonatan għandu jtarraf lil David. Dwar is-sinjal tal-vleġġeġ nitkellem iżjed tard.

---

[22] Ackerman 2005, 177-181. Għad-diskussjoni dwar dan il-parallel, u r-rwol ta' Ġonatan bħala mart David, ara Peleg 2005, u kontra Rowe 2009.

[23]: "the composite suggests, as do both its sourcses, that Jonathan is not only the structural equivalent of a wife to David, but a wife who supplants one of his sisters." Ackerman 2005: 181

[24] Peleg 2005: 172.

[12]U qal Jonatan lil David:
**"Il-Mulej, Alla ta' Israel jixhed!**
Meta nistħarreġ 'il missieri għada u nara li tajjeb għal David,
ma nibgħatx jien għalik dak il-ħin u ngħarrfek?
[13] **Hekk jagħmel il-Mulej lil Jonatan u iżjed minn hekk:**
Jekk missieri jogħġbu jagħmillek id-deni,
jien ngħarrfek u ntellqek biex tmur bis-sliema,
u jkun il-Mulej miegħek bħalma kien ma' missieri.
[14] Jekk inkun għadni ħaj ma turix int miegħi tjubija tal-Mulej?
U jekk immut, [15]tneħħix ħnientek minn dari għal dejjem.
U meta l-Mulej jeqred l-għedewwa ta' David, kull wieħed minn fuq wiċċ l-art,
[16]ma jinqeredx isem Jonatan minn dar David, għax il-Mulej jitolbu minn idejn David."
[17] U reġa' **Jonatan ħalef lil David b'imħabbtu, għax kien iħobbu b'ruħu kollha.**
[18] U qallu Jonatan:
"Għada qamar ġdid; jintebħu li m'intix hemm [19] imma fit-tielet jum jistaqsu għalik ħafna, u int tmur fejn kont moħbi meta saret dik il-ħaġa, u toqgħod ħdejn dan il-borġ.
[20] Pitgħada nwaddab xi **vleġeġ** ma' ġenbu bħallikieku biex nolqot il-matra,
[21] U ara, nibgħat il-qaddej u ngħidlu: 'Mur, sib **il-vleġeġ**.'
Jekk ngħid lill-qaddej: "Ara l-vleġeġ 'il hawn minnek, ġibhom,
int ejja għax is-sliem miegħek, m'hemm xejn; ħaj il-Mulej!
[22] Imma jekk ngħidlu hekk liż-żagħżugħ: 'Ara l-**vleġeġ** 'l hemm minnek,'
int mur, għax il-Mulej tellqek.
[23] U l-kliem li tkellimna jiena u int, ara,
il-Mulej bejni u bejnek għal dejjem."

Fig. 8. Il-climax. L-ewwel xena tat-trittiku.

*L-Għadab ta' Sawl*

Hekk naslu fix-xena tan-nofs tal-*climax,* il-festa tal-qamar ġdid, fejn Sawl jirrabja bis-sħiħ għal Ġonatan u juża kliem iebes ħafna. Fi kliem Sawl – "għażilt għalik (*boher atta)*" u iżjed u iżjed "b'għajb tiegħek u b'għajb tal-għera ta' ommok" – jidher ċar li l-implikazzjoni hija sesswali. L-istess frażi insibu f'dawk li huma r-relazzjoni projbiti fil-Levitiku kapitlu 18.[25]

Tajjeb insemmu però, narrativament, li din hija l-opinjoni ta' Sawl, Sawl qed jaħseb hekk, forsi fil-paranoia tiegħu. Ir-rakkont innifsu iħallina fl-ambigwità: Sawl għandu raġun jew le? Ir-rakkont iħalli f'idejn min jaqra u jisma' biex jifhem u jagħżel!

[25] E.g. "La tikxifx l-għera ta' mart missierek, għax dik hi l-għera ta' missierek. [...] "La tikxifx l-għera ta' mart ħuk, għax hi l-għera ta' ħuk. (Lev 18, 8.16).

[30]Għadab Sawl għal Jonatan u qallu:
“Ja bin mara mgħawwġa,
ma nafx jien li int ~~ħabib ta’~~ *ġħażilt għalik lil* (*boher atta*) bin Isaj
b’għajb tiegħek u b’għajb tal-għera ta’ ommok? *
[31]Għax kemm idum bin Isaj ħaj fuq l-art,
~~ma titwettaqx~~ la tkun [fis-sod] inti u la saltnatek.
U issa ibgħat ġibuli, għax ħaqqu l-mewt.”
[32]Wieġeb Jonatan lil Sawl missieru u qallu:
“Għala għandu jmut? X’għamel?”
[33]U xejjer Sawl il-lanza biex jidorbu;
u għaraf Jonatan li waħħalha f’rasu missieru li joqtol ’il David.

Fig. 9. Il-climax. It-tieni xena: l-għadab ta’ Sawl

*IV. Ġonatan iħarrab lil David (1 Sam 20,35-21,1)*

Ngħaddu għat-tielet xena mit-trittiku. L-ewwel Ġonatan javża lil David, skond is-sinjal miftiehem, permezz tal-vleġġeġ. Is-sinjal fil-fatt huwa żejjed, ladarba Ġonatan xorta jiltaqa’ miegħu u setgħa jgħidlu bil-kwiet. Is-sinjal jagħmel sens kieku Ġonatan ma setax jiltaqa’ ma’ David.

Diġà tlqajna mal-qaws fix-xena ta’ l-ewwel laqgħa ta’ Ġonatan ma’ David, fejn tah – fost oħrajn il-qaws. Fil-kuntest antik, il-qaws huwa simbolu ta’ virilità, anki b’konnatazzjoni fallika.[26] Fil-mitoloġija ta’ Ugarit, belt tal-kanagħanin ta’ Żmien il-Bronz, il-qaws marbut b’mod ċar ma’ Baal, alla tal-fertilità, u fl-unika xena fejn Baal juża’ l-qaws, jiled għoġol.[27]

Fil-Bibbja ukoll, minkejja li qatt mhux espliċitat f’sens erotiku, il-qaws huwa simbolu ta’ virilità. Interessanti, per eżempju il-kuntrast fis-salm 78: l-irġiel ta’ Efrajm, minkejja li armati bil-qwies, xorta daru lura — beżżiegħa, basta rġiel![28] Fis-salm 127, l-ulied — frott ċar ta’ fertilità — huma bħala vleġeġ fil-ħorġ.[29] L-istess David, f’innu ta’ tifħir lejn l-aħħar ta’ ħajtu ibierek lil Mulej għax jħarriġlu dirgħajh għal qaws tal-bronz.[30]

Ix-xena tkompli bil-laqgħa ta’ David u Ġonatan. Did-darba huwa David li jinxteħet quddiem Ġonatan bħala sultan,[31] u huwa Ġonatan biss li jitkellem, hu għandu l-poter. Ix-xena hija emozzjonali għall-aħħar. Naturalment, il-bewsa tista’ tiġi interpretata b’diversi modi.

---

[26] Hoffner (1966) “Symbols for Masculinity and Feminity”, 329.

[27] Hoffner 1966: 329-330. “In the Baal and Anat cycle, Baal's only recorded use of the bow (on a buffalo hunt to Shimak Canebreak in the vicinity of Lake Huleh) results in a prodigious orgy, in which he copulates with a heifer and sires a calf.” *UT* 76 II and 132; *ANET,* p. 142.

[28] “Ulied Efrajm, mgħammrin bil-qaws / daru lura f’jum il-ħarb [battalja]” (Salm 78,9)

[29] “Bħal vleġeġ f’id il-ħarrieb, / hekk huma ulied iż-żgħożija.
Hieni l-bniedem li għandu l-ħorġ mimli minnhom; / le ma jitħawwad meta jitkellem ma’ l-għadu fil-bieb” (Salm 127,4-5)

[30] “Hu Alla li jħażżimni bil-ħila [...] li jħarriġli idejja għat-taqbid / u dirgħajja jmiddu l-qaws ta’ l-inħas [bronz]” (2Sam 22,33.35)

[31] “qam David minn ħdejn il-borġ u ntefa' b’wiċċu fl-art u mejjel rasu tliet darbiet.” (1Sam 20,41)

[35] L-għada fil-għodu ħareġ Jonatan fir-raba' bħalma ftiehem ma' David, u kellu miegħu tifel żgħir [36] u qallu: "Iġri u sib **il-vleġeġ** li sa nwaddab." Malli telaq jiġri t-tifel, waddab **vleġġa** li tisbqu. [37] Wasal it-tifel sa mkien il-**vleġġa**, li waddab Jonatan, u għajjat Jonatan wara t-tifel u qal: "Mhix **il-vleġġa** 'l hemm minnek?" [38] U reġa' ghajjat Jonatan wara t-tifel: "Għaġġel, isa, la tiqafx." U laqqat it-tifel ta' Jonatan **il-vleġeġ** u ġiebhom lil sidu. [39] U ma kien jaf xejn it-tifel; biss Jonatan u David kienu jafu xinhi l-biċċa. [40] U ta Jonatan l-għodod lit tifel, li kellu miegħu u qallu: "Mur, ħudhom il-belt".

[41] Xħin mar it-tifel, qam David minn ħdejn il-borġ u **ntefa' b'wiċċu fl-art u mejjel rasu tliet darbiet**.

U biesu 'l xulxin u bkew 'il xulxin sa ma sar il-ħin ħafna.

U qal Jonatan lil David:

> “Mur bis-sliema, talli ħlifna aħna t-tnejn b'isem il-Mulej u għidna:
> ‘Ikun il-Mulej bejni u bejnek
> u bejn nisli u bejn nislek għal dejjem.’”

[21.1] Qam David u telaq, u Jonatan daħal il-belt.

Fig. 10. Il-climax. It-tielet xena.

## Falling action: David maħrub

“Qam David u telaq.” Hawn tibda’ taqsima twila għaxar kapitli, fejn insibu lil David bħala maħrub, bħala figura li tgħix fil-limiti ta’ madwar l-art ta’ Ġuda. M’għandix ħin nidħol fid-dettal tal-movimenti kollha, u tal-personaġġi kollha, imma huma interessanti li David hawn huwa donnu figura xi ftit *liminali*, fuq l-għatba, jgħix fix-xifer ... diġa’ sultan imma mhux, maħrub, jgħix fl-għerien u fid-deżert, f’xifer iċ-ċiviltà.

| | |
|---|---|
| 21,1-9 | David **f’Nob** (Aħimelek, il-ħobż imqaddes, is-sejf ta’ Goljat) |
| 21,11-16 | David **f’Gat** tal-Filistin (jilgħaba tal-miġnun) |
| 22,1-5 | David **fl-Għar ta’ Għadullam**: jiġbor nies madwaru |
| 22,6-22 | Sawl joqtol lil qassisin ta’ Nob |
| 23,1-13 | David **f’Kegħila** |
| 23,14-28 | **[V] L-aħħar laqgħa / David fid-deżert ta’ Żif** |
| 24,1-23 | **David u Sawl f’Għajn Geddi** (1) |
| 25,1-44 | David jiltaqa’ ma’ Abigajl, u jiżżewwiġha (Sawl jaghti lil Mikal lil Palti) |
| 26,1-25 | **David ma joqtolx lil Sawl fid-desert ta’ Żif (2)** |
| 27,1-28,2 | David merċenarju ta’ Akis sultan ta’ Gat (Filistin) |
| 28,3-25 | Sawl u s-saħħara ta’ Endor |
| 29,1-11 | Il-Filistin iwarrbu lil David |
| 30,1-30 | David u l-Amalekiti |
| 31,1-12 | Il-mewt ta’ Sawl u Ġonatan |

Fig. 11. David maħrub

*David f'Għadullam*

Minn dawn il-ħafna mumenti u siltiet, nixtieq niġbed l-attenzjoni għall-istorja ta' David f'Għadullam meta jiġbor madwaru "kull min kien magħfus, kull min kellu d-dejn, u kull min kien imdejjaq" (1Sam 22,1-2). Din għandha xeħta ta' *topos* letterarju dwar fundatur. Interessanti għalija, minkejja li m'hemm ebda rabta diretta, li storja simili insibuha f'*Ab Urbe Condita,* ta' Livju, fejn jirrakkonta kif Romulu ġabar madwaru lil kulmin kien midjun u maħrub, u hekk waqaf il-belt u r-renju ta' Ruma antika.

| | |
|---|---|
| 22.1 Telaq David minn hemm u ħarab lejn l-għar ta' Għadullam.<br>Semgħu ħutu u dar issieru kollha u niżlu lejh hemmhekk. 2U ngemgħu madwaru kull min kien magħfus, kull min kellu d-dejn, u kull min kien imdejjaq, u sar rajjes tagħhom, u kellu miegħu madwar erba' mitt raġel. | *Deinde, ne vana urbis magnitudo esset, adiciendae multitudinis causa vetere consilio condentium urbes, qui obscuram atque humilem conciendo ad se multitudinem natam e terra sibi prolem ementiebantur, locum qui nunc saeptus escendentibus inter duos lucos est, asylum aperit. Eo ex finitimis populis turba omnis, sine discrimine liber an servus esset, avida novarum rerum perfugit, idque primum ad coeptam magnitudinem roboris fuit.*<br>"Imbagħad, biex il-belt ma tkunx kbira għalxejn, u biex iżid il-kotra, [Romulu] mexa fuq pjan antik tal-fundaturi ta' l-ibliet, li, billi ġabru magħhom kotra ta' nies umli u mhux magrufa, ippretendew li kienu nisilhom. Fil-post li huwa issa magħluq, bejn żewġ imsaġar kif titla' l-għolja, nieda asil. Lil hemm ħarbet kotra mill-popli ġirien, kemm ħielsa u ukoll ilsiera, mingħajr distinzjoni, ħerqana għal affarijiet ġodda, u din kienet l-ewwel kobor ta' saħħa li kienet bdiet" |

Fig. 12. David f'Għadullam, mqabbel ma' Romulu skont Livju *Ab Urbe Condita* 1.8

*V. L-aħħar laqgħa ta' David u Ġonatan*

L-aħħar laqgħa bejn David u Ġonatan isseħħ f'dan il-mument ta' liminalità, fid-deżert ta' Żif. Mhux se nikkumenta żżejjed għajr li Ġonatan u David iġeddu il-patt. Jekk fl-ewwel xena, l-inizzjattiva kienet biss ta' Ġonatan, hawn jidhru it-tnejn.

14 Qagħad David fix-xagħri, fil-kenn ta' l-iġbla, u għammar fil-għolja fix-xagħri ta' Żif. Sawl baqa' dejjem ifittxu imma Alla ma rħiehx f'idejh. 15 U beża' David għax Sawl kien ħareġ biex ineħħilu ħajtu.

Meta kien David fix-xagħri ta' Żif, f'Ħoresa, 16 telaq Jonatan, bin Sawl, u mar ghand David Ħoresa u qawwielu qalbu f'Alla. 17 U qallu:

> "La tibżax, għax ma tilħqekx id Sawl missieri,
> u int issaltan fuq Israel u jien inkunlek it-tieni,
> u mqar Sawl missieri jaf li hu hekk."

18 U rabtu huma tnejn għaqda quddiem il-Mulej, u baqa' David Ħoresa u Jonatan mar lejn daru.

Fig. 13. L-aħħar laqgħa ta' David u Ġonatan

*Gilgameš u Enkidu, David u Ġonatan*

Ma nistax ma nsemmix f'dan il-punt ir-rakkont ta' Gilgameš u Enkidu. Diversi studjużi qabblu l-istorja ta' David u Ġonatan ma' dan il-mit Mesopotamiku li fih jirrakkonta il-ħbiberija intima bejn Gilgameš, sultan ta' Uruk, u Enkidu, ħolqien ta' l-allat mibgħut biex irażżan Gilgameš, li tiżviluppa fi ħbiberija intima b'sfumaturi omoerotiċi ċari, minkejja li, hawn ukoll, qatt m'hu espliċitat — u mhux għax il-mesopotamiċi kellhom xi skrupli biex jitkellmu dwar is-sess.

Ackerman targumenta b'mod interessanti kif — fir-rakkont ta' Gilgameš u Enkidu, dan l-aspett omoerotiku, huwa marbut ma' persunaġġi li qed jgħixu f'mument liminali, fuq l-għatba.[32] F'dan tqabbel l-istorja ta' David u Ġonatan, minkejja differenzi sostanzjali bejn iż-żewġ rakkonti. Fuq kollox, ir-rakkont ta' Gilgameš huwa mitoloġiku u fantastiku, bl-allat jintervjenu b'mod dirett, mostri li wieħed jikkumbatti, u mixja fid-dinja ta' taħt, fejn Gilgames wara l-mewt ta' Enkidu ifittex il-ħajja ta' dejjem, u jifhem li huwa mortali.

Ackerman targumenta tajjeb li David huwa ukoll figura liminali, fuq l-għatba. Nistgħu napplikaw il-mudell klassiku ta' Van Gennep. David midluk sultan, idaħħal lil David f'perjodu liminali, *già e non ancora*, diġa' sultan, imma għadu mhux. Il-ħajja tiegħu tipproċedi f'liminalità li dejjem tikber,[33] sakemm jagħmel żmien jiġġerra f'postijiet li min-natura tagħhom huma liminali,[34] d-deżert, l-għerien, il-post fejn wieħed jiltaqa' mal-bhejjem selvaġġi, man-natura selvaġġa, u ma' l-erwieħ.




Fig. 14 Il-mudell ta' Van Gennep, applikat għar-rakkont ta' David

[32] Din fil-fatt it-teżi prinċipali tal-ktieb tagħha (Ackerman 2005), li segwejt ħafna, speċjalment hawn.
[33] Ackerman 2005: 209, cf. Turner.
[34] Ara Ackerman 2005: 18.

*Levitiku u l-liġijiet assiri*

Il-problema ta' ħafna fl-interpretazzjoni ta' l-istejjer kemm ta' David u Ġonatan, kif ukoll ta' Gilgameš u Enkidu, hija li kemm il-kultura ta' Ġuda antika, kif ukoll dik mesopotamika, tidher li tikkundana l-att sesswali bejn l-irġiel.

Aħna forsi familjari iżjed mat-testi tal-Levitiku, li jqis li meta raġel jimtedd f'mteddid[35] ta' mara huwa att moqżież, abominju.[36] Tajjeb naraw, però, li anki d-dinja mesopotamika hija iebsa f'dan is-sens.

Fil-Liġijiet medjo-assiri naqraw, nikkwota:

> *šumma a'īlu tappāšu inīk ubta'eruš ukta'inuš inikkuš ana ša rēšēn utarruš* [37]
>
> Jekk xi ħadd inik lil sieħbu, u jivverifikaw u jsibuh ħati, inikuh, u ewnuku jagħmluh.

Il-verb smajtuh sew. Huwa l-istess verb fl-akkadiku, lsien semitiku bħal Malti. [38] Hawn, flok il-mewt, tiġi applikata l-*lex talionis.*[39] Ladarba niek lil raġel iehor, inikuh,[40] u jagħmluh ewnuku.[41] Dan forsi jgħinna naraw anki s-sens tal-Levitiku.

Dan l-"abominju" jagħmel sens f'tassonomija sesswali ta' dominanti/dominat, attiv/passiv. Mela raġel li jiġi dominat sesswalment minn raġel, ġie "ridott" għal rwol ta' mara.[42] Huwa abominju ta' kategorija, f'dinja fejn din il-gerarkija sesswali importanti, u fejn – fid-dinja ta' Ġuda kollox irid ikollu postu, imqar dak li jittiekel: il-ħut irid ikollu l-ġwienaħ u l-qxur, ecc.

F'dan il-kuntest, tkompli targumenta Ackermann, kemm ir-relazzjoni bejn Gilgameš u Enkidu, kif ukoll bejn David u Ġonatan huma relazzjonijiet anomali, imma dan huwa possibbli għax huma stess huma figuri anomali, li jgħixu f'liminalità.[43]

---

[35] *mteddid ...* hawn kelli problema u kelli nsib jew nivvinta kelma biex tesprimi l-att li wieħed jimtedd, biex jibqa' eqreb tal-Lhudi antik.

[36] "Ma' raġel la timtedx bħal ~~ma' mara~~ tmeddid ta' mara. Hija ħaġa moqżieża" (Lev 18:22 PPS)

"Jekk xi ħadd jimtedd ma' raġel bħal ~~ma' mara~~ tmeddid ta' mara jagħmlu ħaġa moqżieża. Jagħtuhom il-mewt u demmhom fuqhom." (Lev 20:13)

[37] *Middle Assyrian Law*: MAL A 20 (ii 93-97)

[38] Hawn għażilt li naqleb għal Malti mingħajr ma nfittex efwemiżmi. Anzi fil-Malti l-għerq *njk* u d-derivati tiegħi huma użat b'mod wiesa' u informali, anki biċ-ċajt. Fl-Għarbi, però, għadha meqjusa vulgari għall-aħħar. Għandu l-istess qawwa tal-Ingliż *fuck.*

[39] "Għajn għal għajn, sinna għal sinna."

[40] Naturalment kontra kull xewqa u kunsens, cioè jistruprawh. F'sens ta' *lex talionis* dan jagħti x'jifhem li l-att li għalih huwa akkużat kien att vjolenti.

[41] Mhux biss hemm, imma fl-aħħar jiġi kastrat ukoll. B'dan il-mod ma jibqax iżjed "raġel",

[42] Ta' min iqis kif, anki fid-dinja moderna, l-istupru ta' raġel fuq iehor huwa arma ta' vjolenza u umiljazzjoni użata speċjalment f'kuntesti ta' gwerra.

[43] Ackerman 2005: 210.

## It-Tmien: VI. L-Għanja ta' David

Nagħlaq bl-għanja ta' David fuq il-mewt ta' Sawl u Ġonatan. Eżempju sabiħ ta' poeżija ebrajka bil-paralleliżmi tipiċi fl-istruttura tagħha.

Fl-ewwel taqsima, il-ġografija li ssemmi l-għedewwa u l-post tal-battalja.[44]

U newwah David dit-tinwiha ghal Sawl u ghal Jonatan ibnu.
Hi miktuba fi Ktieb it-Tajbin, biex ighallmuha 'l ulied Guda:

| | | |
|---|---|---|
| A | Ah! inqerdet il-foħrija, ja Israel, fuq għoljietek. | |
| A | | Kif waqgħu l-qalbenin! |
| B | La xxandrux f'Gatt | |
| B | | la tħabbrux fi treqat Asqalon, |
| C | ma jifirħux bniet il-Filistin, | |
| C | | ma jithennewx bniet in-nies bla ħtin, |
| D | Ja iġbla ta' Gelbogha, | |
| E | | la nida u la xita ma tinżel fuqkom, |
| D | raba' ta' ħjiena, | |
| A | | għax hemm tkażbret tarket il-qalbenin. |

Fig. 15. L-Għajn ta' David. L-ewwel taqsima.

Fit-tieni parti, David jitkellem dwar Sawl u Ġonatan flimkien.[45]

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | Tarket Sawl mhix midluka biż-żejt | | |
| A | | iżda b'demm il-maqtulin, b'xaħam il-qalbenin; | |
| B | il-qaws ta' Jonatan qatt ma reġa' lura, | | |
| B | | u s-sejf ta' Sawl qatt ma reġa' fieragħ | |
| C | Sawl u Jonatan, maħbubin u ħelwin, | | |
| C | | la f'ħajjithom, la f'mewthom ma nfirdu | |
| D | kienu eħfef mill-**ajkli**, | | |
| D | | kienu aqwa mid-**driebes** [ljuni]. | |
| E | Ja bniet ta' Israel, ibku 'l Sawl, | | |
| F | | li kien ilibbiskom bil-kremżi u bil-għażel, | |
| F | | | u fuq ilbieskom iqieghed żîna tad-deheb. |

Fig. 16. L-Għajn ta' David. It-Tieni taqsima.

[44] Matul il-preżentazzjoni, għal raġuni ta' ħin ma qrajtx it-test kollu, iżda kien projjettat fuq *screen* warajja.

[45] Ta' min jinnota xi elementi simili bejn l-ilment ta' David fuq Ġonatan u Sawl, u dak ta' Gilgameš fuq sieħdu Enkidu. Jolqotni partikolarment ir-riferiment għall-ajkla u l-iljun, użata differenti fiż-żewġ għanjiet, imma li jista' jirrifletti il-familjarità ta' l-awtur ta' l-Għanja ta' David ma' dik ta' Gilgameš.

*"Listen, young men. Listen to me.*
*Listen, elders of great Uruk. Listen to me.*
*I weep for my friend Enkidu;*
*like a grief-stricken woman, I howl in despair.*
*The shaft at my side, the bedrock of my strength,*
*the sword at my belt, the shield before me,*
*the clothing for my festivals,*
*the sash on my pleasure:*
*A fiendish force sprang up to snatch him from me.*

*"My friend, stubborn as a mule,*
*nimble as a donkey, swift as a panther —*
*oh Enkidu, my friend, stubborn as a mule,*
*nimble as a donkey, swift as a panther —*
*We were the ones who joined together to scale mountains,*
*who captured and killed the Sacred Bull,*
*who vanquished Humbaba, king of the Cedar Forest.*

*"So what kind of sleep steals you away now?*
*Darkness cloaks you; you cannot hear me."*

Yet still [Enkidu] did not lift his head.
He felt for his pulse: utterly still.

**He veiled his friend's face like a bride**;
like an **eagle**, he circled over him.
Like a **lioness** robbed of her cubs,
he circled back and forth, back and forth.
He tore at his curly hair
until it piled up around him;
he stripped off his finery
and cast it away as anathema.

Fig. 17. L-ilment ta' Gilgameš fuq Enkidu

A Kif waqgħu l-qalbenin f'nofs it-taqbida!
A Jonatan fuq għoljietek minfud!

B Mgħolli jien ghalik, ħija Jonatan,
C int l-għaxqa kbira tiegħi,
C imħabbtek egħżeż għalija
C minn imħabbet in-nisa.

A Kif waqgħu l-qalbenin u ntilfu l-għodda tal-ħarb!

Fig. 18. L-Għanja ta' David. L-Għeluq.

U jgħalaq bi kliemu dwar Ġonatan:

26 Mgħolli jien ghalik, ħija Jonatan,
int l-għaxqa kbira tiegħi,
imħabbtek egħżeż għalija
minn imhabbet in-nisa.

Dwar din frażi, inħliet ħafna inka. Kulħadd jgħid tiegħu. Imma nsib li spiss dak li jintqal huwa fis-sura u xbieha ta' min jgħidu u x'jaħseb. Iva, it-test jista' jinqara b'mod ambigwu, bħala ħbiberija omosoċjali ideali, *bromance* bejn suldati.

Imma nħoss li huwa żball metodoloġiku li jiġi eskluż *a priori* l-aspett erotiku, bl-argument li "għax huwa projbit fil-Levitiku".[46] Minkejja li silta biblika minn ktieb tista' tinforma silta fi ktieb iehor, ma nistawx nassumu li dan huwa determinanti.

## Għeluq

Nagħlaq billi nfakkar li, kemm jekk tieħu bl-iżjed mod ċar l-isfumaturi erotiċi, kemm jekk le, diffiċli issejjaħ ir-relazzjoni bejn David u Ġonatan bħala ideali. David spiss joħroġ, fir-rakkont kollu dwar ħajtu bħala figura ambigwa għall-aħħar, f'mumenti qaddej fidil tal-Mulej, imma f'oħrajn, qattiel, adulteru, manipulatur.[47] Fir-rakkonti tat-twaqqif ta' Dar David, il-fundatur mhux xi qaddis fuq pedestal. U dan spiss ninsewh!

Grazzi ħafna!

[46] Diversi awturi, ara Ackerman 2005: 197. Hekk Steven L. McKenzie, David Halperin, Phyllis Bird.

[47] Dan ħassejt li jorbot ħafna anki mas-sens tad-dramm *Id-Dnub tal-Magħżulin.* X'inhu dan il-dnub, għajr il-mod kif il-poter jnawwar minn ġewwa lil persuna li tfittxu?

## Riferenzi

Ackerman, Susan, 2005. *When Heroes Love. The Ambiguity of Eros in the Stories of Gilgamesh and David.* Columbia University Press.

Cantarella, Eva. 1992. *Bisexuality in the Ancient World*. New Haven: Yale University Press. https://doi.org/10.12987/9780300236170

Greenberg, Steven, 2004. *Wrestling with God and Men. Homosexuality in the Jewish Tradition.* Madison WI, University of Wisconsin Press.

Dover, Kenneth James, 1989. *Greek Homosexuality.* Updated and with a new postcript. Cambridge MA: Harvard University Press.

Foucault, Michel, 1990. *The use of pleasure: Volume 2 of The history of sexuality*. Translated by Robert Hurley. New York: Vintage Books.

Harding, James E., 2013. *The Love of David and Jonathan: Ideology, Text, Reception*. Oxford: Routledge.

Hoffner, Harry A., 1966. "Symbols for Masculinity and Feminity: Their Use in Ancient near Eastern Sympathetic Magic Rituals." *Journal of Biblical Literature* 85.3, 1966, 326–34.

Moran, William L., 1963 "The Ancient Near Eastern Background of the Love of God in Deuteronomy." *The Catholic Biblical Quarterly* 25.1, 77–87.

Peleg, Yaron. 2005. "Love at First Sight? David, Jonathan, and the Biblical Politics of Gender." *Journal for the study of the Old Testament* 30.2 (2005): 171–189.

Rowe, Jonathan. 2009. "Is Jonathan Really David's 'Wife'? A Response to Yaron Peleg." *Journal for the Study of the Old Testament* 34/2, 183–93. https://doi.org/10.1177/0309089209356415.

Tiemeyer, Lena-Sofia. 2023. *In Search of Jonathan. Jonathan between the Bible and Modern Fiction.* Oxford University Press. https://doi.org/10.1093/oso/9780197637777.003.0005

Tov, Emmauel, 1985. "The Composition of 1 Sam 16-18 in the Light of the Septuagint Version" in Jeffrey H. Tigay, ed., *Empirical Models for Biblical Criticism*, pp. 97-130. Philadelphia: University of Pennsylvania Press.